C/2025/5253

26.9.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12137 — AURELIUS / FIAMM ENERGY TECHNOLOGY)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5253)

1. Fit-18 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aurelius Investment Lux One S.à.r.l ("Master LuxCo", il-Lussemburgu), ikkontrollata mill-grupp AURELIUS ("AURELIUS", il-Lussemburgu, il-Ġermanja, ir-Renju Unit),

— FIAMM Energy Technology S.p.A. ("FIAMM", l-Italja), ikkontrollata minn Resonac Corporation (il-Ġappun).

AURELIUS se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' FIAMM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Master LuxCo huwa fond ikkontrollat minn AURELIUS. AURELIUS hija kumpanija ta' investiment ta' ekwità privata u maniġer tal-assi li għandha diversi kumpaniji tal-portafoll attivi fl-industrija, il-kimika, il-bejgħ bl-imnut, is-servizzi tan-negozju, il-media u l-IT u l-catering għal-linji tal-ajru. AURELIUS hija attiva madwar id-dinja,

— FIAMM hija prinċipalment attiva fid-disinn, il-produzzjoni, il-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu, inklużi prodotti u servizzi anċillari, għall-użu f'applikazzjonijiet awtomobilistiċi u industrijali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12137 — AURELIUS / FIAMM ENERGY TECHNOLOGY

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË